# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 15 ta' Ottubru 2020**

**Kawza Numru: 32**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 676/2020 JVC**

**Idriss u Aloysia konjugi Sare Kuzeni Isa fl-isem u fl-interess tal-minuri Latifah Kuzeni Sare Mercieca**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrent Idriss Sare Kuzeni Isa et kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti huma mizzewgin u miz-zwieg ghandhom wild bl-isem Latifah Kuzeni Sare Mercieca li twieldet nhar it-tmienja u ghoxrin (28) t'Ottubru elfejn u hdax (2011) u Rayan Sare Kuzeni Isa li twieled nhar id-dsatax (19) ta' Novembru elfejn u dsatax (2019), kopji tac-certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bhala "Dok. A" u "Dok. B" rispettivament;

2. Illi nonostante t-talba li ntlaqghat mill-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili permezz ta' digriet fl-ghoxrin (20) ta' Gunju elfejn u dsatax (2019) hekk anness u mmarkat bhala "Dok. C" fir-rigward tal-Att taz-Zwieg numru 2640/2013 tar-rikorrenti, liem Att huwa hawn anness u mmarkat bhala "Dok. D", din il-kawza giet intavolata mill-esponenti sabiex il-kunjom tal-minuri Latifah Kuzeni Sare Mercieca jigi korrett u jigi konformi ma' dak tal-missier kif ukoll ma' dak ta' huha Rayan Sare Kuzeni Isa, u cioe jaqra "Sare Kuzeni Isa" flok "Kuzeni Sare Mercicea";

3. Illi t-tibdil fil-kunjom tal-minuri Latifah Kuzeni Sare Mercieca m'hu ser jimporta ebda effetti negattivi jew konsegwenzi ghal terzi persuni izda ser johloq uniformita fid-dokumenti tal-minuri u tal-familjari taghha u dan *a tenur* tal-artikolu 253 (2) ta' Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

i. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex, fl-Atti tat-Twelid tal-minuri Latifah Kuzeni Sare Mercieca, jikkancella l-kunjom "Kuzeni Sare Mercieca" mill-kolonna ta' "Isem il-Wild" u jissosstitwixxih bil-kunjom "Sare Kuzeni Isa".

ii. Tordna li l-istess korrezzjoni ghandha tigi wkoll riflessa f'kull att ta' status civili iehor mahrug fuq l-istess minuri Latifah Kuzeni Sare Mercieca u dan ai termini tal-artikolu 253 ta' Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

iii. Bl-ispejjez.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. 'ILLI, ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawza istanti, l-esponent jiddikjara illi hu ma huwiex edott mill-fatti esposti mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghhom;

2. ILLI, permezz ta' zewg digriet iddatati 20 ta' Gunju 2019 u 7 ta' Novembru 2019, l-Onorabbli Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili ordnat illi jsiru l-annotazzjonijiet necessarji fl-Att ta' Zwieg li jgib in-numru progressiv 2640 tas-sena 2013, sabiex l-isem tar-ragel ikun 'Idriss'; il-kunjom tieghu jigi sostitwit bil-kliem 'Sare Kuzeni Isa'; u sabiex il-post ta' twelid tieghu jigi sostitwit bil-kliem 'Accra, Ghana'. L-annotazzjonijiet necessarji huma illum riflessi fl-Att ta' Zwieg, hawn anness u mmarkat **'Dok DRP 1'**. B'effett ta' dan id-digriet, il-kunjom tar-rikorrenti Aloysia wkoll gie aggornat stante li kienet ghazlet illi tiehu kunjom ir-ragel taghha maz-zwieg, u

ghalhekk hi illum hija maghrufa bhala Aloysia Sare Kuzeni Isa;

3. ILLI, jidher li mir-relazzjoni u sussegwenti zwieg tar-rikorrenti twieldu zewgt it-tfal, u cioe Latifah Kuzeni Sare Mercieca, li twieldet fit-28 ta' Ottubru 2011, u Rayan Sare Kuzeni Isa, li twieled fid-19 ta' Novembru 2019. Evidentement, il-minuri ahwa ghandhom kunjomijiet differenti, u dan ghaliex id-digriet tal-Onorabbli Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili nghata wara t-twelid tal-ewwel wild imma qabel it-twelid tat-tieni wild tar-rikorrenti;

4. ILLI, in vista ta' dan, ir-rikorrenti qed jitolbu li l-kunjom tal-minuri binthom, u cioe Latifah Kuzeni Sare Mercieca jigi qabel ma' dak ta' huha, cioe Sare Kuzeni Isa. L-esponent jishaq illi n-necessita` ghat-tibdil mitlub mir-rikorrenti bl-ebda mod ma fegget minn xi ghagir jew nuqqas tieghu. Difatti, l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att ta' Twelid ta' Latifah Sare Kuzeni Mercieca, hawn anness u mmarkat **'Dok DRP 2'**, giet iddikjarata miz-zewg genituri konguntivament. Tali informazzjoni tidher b'mod car ukoll fin-*'Notification of Birth of a Baby'*, hawn annessa u mmarkata **'Dok DRP 3'**. Ghalhekk, l-esponent irregistra d-dettalji tal-minuri fedelment, u ma jahtix ghal din is-sitwazzjoni;

5. ILLI, ghandu jinghad ukoll, illi kemm id-dettalji tal-missier kif ukoll dawk tal-omm fuq l-istess Att ta' Twelid (Dok DRP 2) ghandhom jigu aggornati wkoll. L-isem tal-missier ghandu jkun 'Idriss' filwaqt li kunjomu 'Sare Kuzeni Isa'; il-kunjom tal-omm ghandu jkun 'Sare Kuzeni Isa'; u l-post ta' twelid tal-missier ghandu jaqra 'Accra, Ghana', u dan sabiex l-istess Att ta' Twelid jirrifletti l-verita` kollha;

6. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawza istanti, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero` illi l-provi migjuba mir-rikorrenti jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

7. ILLI, riferibbilment ghat-tieni talba taghhom, ir-rikorrenti ghandhom jindikaw b'mod car dawk l-atti tal-iStat Civili ohra, jekk hemm, illi ghandhom jirreflettu t-tibdil mitlub minnhom, billi jirreferu ghan-numru progressiv u s-sena tar-registrazzjoni taghhom;

8. ILLI, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponent umilment jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew zball da parti tieghu u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ingunti in subizzjoni.'

Rat illi fil-verbal tal-lum stess il-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa ma' l-istess rikors guramentat;

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni esebita fl-atti;

Rat mir-risposta tad-Direttur intimat illi t-talba tar-rikorrenti m'hemmx oggezzjoni ghaliha stante illi l-fatti esposti fl-istess rikors jirrizultaw anke mic-Certifikati u d-dokumentazzjoni esebita;

Rat izda l-hames eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li tirrizulta gustifikata fejn qed jindika li mhux biss ghandu jigi korrett il-kunjom tal-minuri izda ghandhom jigu wkoll korretti l-ismijiet tal-genituri tal-istess minuri fl-istess certfikat tat-twelid tal-minuri.

Illi in vista ta' dak kollu  fl-atti l-Qorti tqis it-talbiet rikorrenti bhala gjustifikati

**Decizjoni**

Ghaldaqstant il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-hames eccezzjoni tad-Direttur intimat u tichadha fil-bqija sakemm din hija nkompatibbli ma' dak espost u deciz.

2. Tilqa' l-ewwel talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex, fl-Att tat-Twelid tal-minuri Latifah Kuzeni Sare Mercieca, li jgib in-numru 4452 tas-sena 2011 jikkancella l-kunjom "Kuzeni Sare Mercieca" mill-kolonna ta' "Isem il-Wild" u jissosstitwixxih bil-kunjom "Sare Kuzeni Isa"; u b'referenza ghal hames eccezzjoni

tad-Direttur intimat, tordna wkoll illi isem il-missier ghandu jigi ndikat bhala 'Idriss' filwaqt li kunjomhu ghandu jkun 'Sare Kuzeni Isa', filwaqt illi l-kunjom ta' l-omm ghandu jkun 'Sare Kuzeni Isa', u l-post ta' twelid tal-missier ghandu jigi korrett u jigi jaqra 'Accra, Ghana';

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-istess korrezzjonijiet jigu riflessi f'kull att ta' Stat Civili ta' l-istess minuri Latifah Kuzeni Sare Mercieca u dan ai termini tal-artikolu 253 ta' Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi kontra r-rikorrenti.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' Ottubru 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Ottubru 2020**